

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-00072/2011  
lill-Kunsill**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Renate Weber, Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Baroness Sarah Ludford, Sonia Alfano, Norica Nicolai, Gianni Vattimo, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Leonidas Donskis, Alexander Alvaro, Ramon Tremosa i Balcells**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Ir-Revizzjoni tal-Kostituzzjoni Ungeriża

L-awtoritajiet Ungeriżi ppreżentaw lill-Parlament abbozz tal-Kostituzzjoni<sup>1</sup> fejn: issir referenza għall-motivazzjoni għal "nazzjon Ungeriż magħqud u ideali" b'rabta mal-Ungeriżi li jgħixu barra l-pajjiż<sup>2</sup>; il-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali huma limitati<sup>3</sup>; it-tul ta' żmien tal-karigi tal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali, tal-President tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali huwa modifikat; iż-żwieġ u l-familja huma definiti btali mod li jeskludu dawk il-familji b'ġenitur wieħed, il-koppji li jikkoabitaw u oħrajn tal-istess sess<sup>4</sup>; id-diskriminazzjoni hija pprobita flief fejn jidhru l-orjentazzjoni sesswali, l-età u l-karatteristiċi ġenetiċi<sup>5</sup>; il-korpi tad-drittijiet tal-bniedem huma aboliti u amalgamati<sup>6</sup>; "il-ħajja tal-fetu" hija "protetta sa mill-konċepiment"<sup>7</sup>; isiru referenzi reliġjużi għall-Kristjaneżimu u r-rwol li għandu fil-preservazzjoni tal-ġens<sup>8</sup>; hija prevista l-possibbiltà li jingħataw voti addizzjonali lil minorenni jew lil ommijiethom<sup>9</sup>; kif ukoll id-dritt tal-vot lill-Ungeriżi li jgħixu barra mill-pajjiż<sup>10</sup>. Ir-riforma tal-Kostituzzjoni għet ikkontestata mill-partiti tal-oppożizzjoni u mill-NGOs<sup>11</sup> li kkritikaw il-proċess minħabba nuqqas ta' trasparenza, konsultazzjoni mhux adegwata, żmien qasir wisq, kif ukoll il-kontenuti tagħha li żmantellaw il-kontrolli u l-bilanċi demokratiċi<sup>12</sup>. Il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tal-Liġi (il-Kummissjoni ta' Venezja) talbet lill-awtoritajiet Ungeriżi biex ikunu aktar flessibbli u miftuħin għall-kompromess; u għamlet xi rakkomandazzjonijiet, mentri l-PACE<sup>13</sup> ltaqgħet fil-25 ta' Marzu biex toħroġ il-fehma komprensiva tagħha. L-abbozz tal-Kostituzzjoni għandu

<sup>1</sup> Il-verżjoni Ingliża tat-test ippreżentat mill-awtoritajiet Ungeriżi jinsab hawnhekk: [http://www.euractiv.com/sites/all/euractiv/files/CONSTITUTION\\_in\\_English\\_\\_DRAFT.pdf](http://www.euractiv.com/sites/all/euractiv/files/CONSTITUTION_in_English__DRAFT.pdf) l-awtoritajiet Ungeriżi ma ċirkolawx il-preambolu tal-Kostituzzjoni imma jinsab hawnhekk: [http://www.euractiv.com/sites/all/euractiv/files/BRNEDA224\\_004970.pdf](http://www.euractiv.com/sites/all/euractiv/files/BRNEDA224_004970.pdf). L-NGOs għamlu traduzzjoni oħra ta' dawn id-dokumenti u mmarkaw żbalji u ommissjonijiet fit-traduzzjonijiet tal-awtoritajiet Ungeriżi.

<sup>2</sup> Artikolu D

<sup>3</sup> għal dak li għandu x'jaqsam mal-baġit, it-taxxi, id-dazji u d-dwana: Artikolu 24 par. 4, il-verżjonijiet Ingliżi tal-awtoritajiet Ungeriżi huma differenti minn tal-NGOs; l-actio popularis tneħħiet

<sup>4</sup> Artikolu M u l-Preambolu: "L-iktar kwadri importanti tal-koeżistenza tagħna huma l-familja u n-nazzjon, li l-valuri fundamentali tagħhom li jgħaqqduna flimkien huma l-lealtà, il-fidi u l-imħabba" (it-traduzzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi); il-familja hija "l-bażi għas-sopravvivenza tan-nazzjon"

<sup>5</sup> Artikolu XIV (2): "L-Ungerija tiżgura d-drittijiet fundamentali għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, oriġini nazzjonali, diżabbiltà, lingwa, reliġjon, politika jew kwalunkwe fehma oħra, proprjetà, twelid jew kundizzjoni oħra mingħajr diskriminazzjoni". (Il-verżjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi)

<sup>6</sup> ngħidu aħna, l-Ombudsman tal-Minoranzi u l-Kummissarju Parlamentari għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni

<sup>7</sup> Artikolu II: "... il-ħajja tal-fetu tkun protetta mill-konċepiment" (il-verżjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi).

<sup>8</sup> Il-Preambolu: "Nagħrfu r-rwol tal-Kristjaneżimu fil-preservazzjoni ta' ġensna" ... "Is-Sultan San Stiefnu...għamel lil pajjiżna parti mill-Ewropa Nisranija" (it-traduzzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi); il-Kostituzzjoni tistabbilixxi li hija għandha tkun interpretata abbażi ta' preambolu tali: Artikolu Q (3)

<sup>9</sup> jew lil persuna oħra jew rappreżentant legali ieħor: Artikolu XXI(2), it-traduzzjonijiet tal-awtoritajiet Ungeriżi huma differenti minn dawk tal-NGOs.

<sup>10</sup> Artikolu XXI (1), it-traduzzjonijiet tal-awtoritajiet Ungeriżi huma differenti minn dawk tal-NGOs. Barra minn hekk huma previsti normiestensivi ta' stat ta' emerġenza u s-sospensjoni tad-drittijiet fundamentali; l-ebda referenza għall-projbizzjoni ta' effett retroattiv legali m'hija inkluża fil-Kostituzzjoni; hija introdotta s-sentenza ta' għomor il-ħabs: Artikolu IV(1), il-verżjoni oriġinali tal-Kostituzzjoni kif maqluba mill-NGOs; il-Kostituzzjoni attwali hija ddikjarata nulla u invalida;

<sup>11</sup> u qatgħuha li jibbojkottjaw id-diskussjonijiet dwar il-kwistjoni meta l-gvern illimita l-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali wara li din għaddiet ġudiżżju li ma għoġbux

<sup>12</sup> ara, ngħidu aħna, il-ktibiet mill-HCLU, l-Istitut tal-Politika Eotvos Karoly u l-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki: [http://helsinki.hu/Friss\\_anyagok/htmls/820](http://helsinki.hu/Friss_anyagok/htmls/820)

<sup>13</sup> L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa;

jiġi addottat fit-tieni nofs ta' April<sup>1</sup> .

Il-Kunsill qiegħed isegwi l-proċess tar-riforma tal-Kostituzzjoni Ungeriża biex jiċċekkja jekk ir-riformi previsti humiex konformi mat-Trattati u l-liġi tal-UE, l-aktar mal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE, mal-prinċipji kostituzzjonali demokratiċi u komuni, u mar-regolamenti tad-drittijiet tal-votazzjoni għall-elezzjonijiet tal-PE? X'inhija l-valutazzjoni tiegħu u x'passi biġisieb u jieħu? Jemmen li dawn it-tibdiliet jistgħu joħolqu riskju ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, l-etniċità, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-tweġmin, u vjolazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali? Se jitlob lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jistennu l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tagħha qabel ma jaddottaw l-abozz tal-Kostituzzjoni?

Imressqa: 30.3.2011

Mgħoddija: 31.3.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 21.4.2011

---

<sup>1</sup> b'maġġoranza ta' 2/3 tal-Parlament attwali wara t-tneħħija tar-regola ta' maġġoranza ta' 4/5 tal-voti fil-parlament; mhux se jkun hemm referendum.